**30 ta' Novembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Marcus Flores

**Tipjip fuq char-a-banc — Regolament 149 tal-G.N. 24/48.**

*Ħadd ma jista' jpejjep fuq char-a-banc meta l-kunduttur, fuq lanjanza ta' xi passiġġier, jitolbu sabiex ma jpejjipx.*

Il-Qorti, rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja bħala Qorti ta' Kriminali Ġudikatura tat-22 ta' Ottubru 1963 li biha l-imputat fuq l-akkuża li fit-3 ta' Awissu 1963 għall-ħabta tad-9 p.m.. waqt li kien jivvjaġġa fix-char-a-banc numru 298 tal-linja ta' tas-Sliema bejn Valletta u Sliema pejjep il-pipa fl-istess char-a-banc u meta ġie mitlub mill-kunduttur Joseph Cauchi biex ma jagħmilx hekk u anki mill-bus Inspector Anthony Abela, wara li dawn irċevew ilmenti mill-passiġġieri fl-istess char-a-banc u barra minn dana nsulta lill-kunduttur Joseph Cauchi minħabba li kien għamel is-servizz tiegħu ġie misjub ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu u, stante li dan kien l-ewwel reat tiegħu lliberatu taħt kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fiż-żmien tliet xhur skond l-art. 9 tal-Att XII 1957 u fit-tieni lok għat-tieni reat billi ma sabitux ħati ordnat li jiġi liberat minn dika t-tieni mputazzjoni.

Rat ir-rikors tal-imputat tal-31 ta' Ottubru 1963 li bih huwa interpona appell mill-ewwel sentenza in kwantu sabitu

ħati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement talab li dika l-istess deċiżjoni tiġi riformata billi tiġi revokata dwar l-ewwel akkuża u imputazzjoni sew dawr il-konvinzjoni kemm dwar il-pena u tiġi konfermata għall-kumplament.

Semgħet bil-ġurament ix-xhieda prodotti mill-Avukat tal-Kuruna;

Semgħet lill-imputat bil-ġurament fuq talba tiegħu stess;

Semgħet bil-ġurament ix-xhud prodott in difesa;

Ħadet konjizzjoni tal-proċess;

Semgħet lid-difensur tal-akkużat u l-Avukat tal-Kuruna;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirriżulta li fit-3 ta' Awissu 1963 għal xid-9 p.m. l-imputat abborda l-bus numru 298 li mill-belt Valletta jwassal il-passiġġieri għal tas-Sliema u qagħad ħdejn il-bieb tal-bus. Meta l-bus wasal il-Furjana peress li l-imputat kien qiegħed ipejjep il-pipa, il-konduttur fetaħlu t-tieqa ta' ħdejh u, skond l-imputat, huwa tah ħarsa signifikativa bla ma kelmu u l-konduttur qallu l-kliem:— "jew inkella itfi l-pipa" u fl-istess ħin l-imputat baqa' jpejjep il-pipa u qal lill-konduttur li jekk xi passiġġier jagħmel xi lagnanza huwa kien jitfi l-pipa, dak li huwa ammess mill-konduttur Joseph Cauchi fix-xhieda tiegħu. L-imputat jgħid li huwa ma kienx sema lil ħadd mill-passiġġieri jagħmel xi lagnanza. Meta l-bus wasal Portes-des-Bombes il-konduttur reġa' mar ħdejn l-imputat u talbu goffement jitfi l-pipa l-għaliex qallu li inkellha kien jarmielu barra imma l-imputat baqa' jpejjep. Fil-fatt jirriżulta li l-passiġġiera Geralda Alfino tgħid li d-duħħan tal-pipa kien qiegħed jagħti fastidju lill-passiġġieri u kienu qegħdin igergru bla ma jindi-

rizzaw lill-imputat. Għal osservazzjoni tal-konduttur li kien sejjer jarmi l-pipa ta' l-imputat dan l-aħħar imsemmi sfidah bil-kliem:— "Ħalli nara! Ma ħsibtx li se nitlaq niġri" mentri kien ikun aktar proprju jgħid lill-konduttur kliem ieħor fis-sens li dak li kien sejjer jagħmel il-konduttur ma kienx jista' jagħmlu l-għaliex kien ikun abbuż. Meta tela' l-Inspector Anthony Abela, l-Imsida jew ftit qabel il-Pietà, dan l-aħħar imsemmi talab lill-imputat biex jitfi l-pipa imma l-imputat reġa' tennielu li kien jitfiha jekk issir xi lagnanza mill-passiġġieri. Dina t-talba mill-Inspector Abela lill-imputat saritlu fl-istage ta' Palma Square, l-Imsida u kien ukoll allura li l-Inspector imsemmi ried li l-imputat iħalli l-bus imħabba li kompla jpejjep il-pipa u dan l-aħħar imsemmi rrilata li huwa biex jinżel ried il-fare lura u fl-istess mentri sar battibekk fejn l-imputat jammetti n-nuqqas tiegħu billi qal li huwa ma kienx dispost jitgħallem l-edukazzjoni mingħand biċċa konduttur mentri l-konduttur Cauchi għalkemm jinnega dan il-fatt, jidher li qal lill-Inspector Abela biex ma jikkwistjonax ma dak (l-imputat) iż-żibel" u heddidhom li kif il-bus jasal ix-xatt ta' tas-Sliema kien sejjer jirrapporta lill-konduttur Cauchi. Meta inħela t-tabakk tal-pipa l-imputat qabbad sigarett. Ix-xhud tad-difiża George Attard jgħid li sa l-Imsida huwa ma semgħax ebda lagnanzi fuq it-tipjip tal-imputat imma se-magħhom wara l-istage tal-Imsida u huwa, wara li għadda dak l-istage, issuġġerixxa lill-imputat biex jitfi l-pipa iżda l-imputat baqa' jpejjep u ma tax każ. Meta waslu l-Gżira l-pipa tal-imputat intfiet u huwa allura qabbad sigarett.

Illi dawn huma in sostanza l-fatti a bażi tal-kawża;

Illi r-regolament 149 tal-G.N. 24/1948 jgħid li:— "No person shall smoke on any motor omnibus when requested not to do so by the conductor on a complaint from any other passenger". Dan ir-regolament naturalment u loġikament jippresupponi li l-passiġġier jagħmel il-lagnanzi lill-konduttur

u mhux ġià lil min ikun qiegħed ipejjep. M'hemmx lanqas fir-regolament imsemmi ndikazzjoni ta' gradazzjoni u estensjoni tal-istess tipjip. Jekk il-lagnanza tkun ġiet magħmula anki minn passiġġier wieħed lill-konduttur min ikun qiegħed ipejjep irid jieqaf minn dak id-delizzju.

Illi l-imputat in sostanza ried igħid fid-difiża tiegħu li huwa ma semax lagnanzi mill-passiġġieri l-oħra, li ħadd ma qallu li kien hemm lagnanzi u kien għalhekk li kompla jpejjep u li huwa wera aktar minn darba bil-kliem li kien dispost jaqta li jpejjep jekk ikun hemm xi lagnanza.

Illi l-fatt li l-imputat ma semax lagnanzi mill-passiġġieri l-oħra ma jisgjovah xejn difronti għall-fatt aċċertat mix-xhud Alfino, li qalet li lagnanzi saru u mbagħad speċjalment meta l-conductor mar u fetaħlu t-tieqa ta' ħdejh seta' raġonevolment jinsospettih li fil-fatt kienu qegħdin isiru complaints mill-passiġġieri l-għaliex dawn l-aħħar imsemmija ma kienux obbligati jew ma riedux ikunu antipatiċi b'mod li jwaqqfuh huma milli jkompli jpejjep. Del resto anki meta wara li għaddew l-istage tal-Imsida x-xhud in difesa George Attard innota t-tgergir mill-passiġġieri u qallu biex jieqaf milli jkompli jpejjep il-pipa u huwa ma tax każ u kompla jpejjep mhux biss imma wara li kienu għaddejjin il-Gżira u spiċċalu t-tabakk tal-pipa qabbad sigarett, dak li juri ċerta persistenza biasemevoli volontarja kondannabbili.

Illi l-imputat qal ukoll li ħadd ma qallu li kienu qegħdin isiru lagnanzi lanqas ma tista' tiġġjova lill-imputat għaliex la darba l-konduttur — li lilu suppost jirreklamaw il-passiġġieri — l-ewwel mar fetaħ it-tieqa ta' ħdejh u mbagħad qallu biex ma jpejjipx — huwa avviż biżżejjed, anki jekk ma qallux li n-nies qiegħed jagħtihom fastidju t-tipjip l-għaliex dak l-att tal-ftuħ tat-tieqa kien indizju suffiċjenti li dak l-istess konduttur kien qiegħed jinnota jew xi ħadd qallu bla ma ried

juri lill-imputat min kien, li d-duħħan tal-pipa tal-imputat kien qiegħed jagħtih fastidju. Fil-verità x'raġuni kellu l-konduttur imur fuqu u jgħidlu biex ineħħi l-pipa kieku ma kienx hemm fil-bus li kien qiegħed jilmenta fuq hekk u dana tkun offiża lill-intelliġenza tal-imputat jekk jingħad li dana ma fehemx l-għala l-konduttur riedu jieqaf mit-tipjip. Inoltri humeta l-Inspector Abela riedu fl-istage tal-Imsida jinżel u huwa ma riedx, wara l-fatti preċedenti li ġraw, li kienu aktar elokwenti mill-kliem, kien suffiċjenti għall-imputat biex jinduna u jkun jaf, kieku verament ried jaf, x'kienet ir-raġuni ta' dak l-ordni li l-validità o meno tiegħu mhix materja ta' dina l-kawża. Anzi kif qal George Attard anki wara dak ilbattibekk l-imputat ippersista u baqa' jew pika jew altrimenti b'sens riprovevoli jkompli jpejjep.

Illi kwindi l-imputat ma jistax ma jiġix misjub ħati talksur tar-Reg. 149 tal-G.N. 24/48, li minnha biss hemm appell.

Illi l-piena assenjata mill-ewwel Qorti hija ġusta u adegwata.

Għalhekk:

Taqta u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell interpost u tikkonferma s-sentenza, li minha hemm appell.